

Brussell, 22 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0359(COD)

---

14828/1/22  
REV 1 ADD 1

CODEC 1757  
CYBER 367  
TELECOM 463  
CSC 526  
CSCI 174  
DATAPROTECT 317  
JAI 1475  
MI 828

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tesprimi l-appoġġ tagħha għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (Direttiva NIS 2).

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq ittenni l-iskuntentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata attwali tad-Direttiva, jiġifieri bl-ekwivalenti Kroat tat-terminu Ingliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-lingwa Kroata<sup>1</sup>, kwistjoni li qajjimna kontinwament fuq diversi livelli fil-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

---

<sup>1</sup> L-ekwivalenti użat fil-leġiżlazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fid-Direttiva NIS 2 huwa "kiber-".

Ir-Repubblika tal-Kroazja tinsab imħassba serjament li l-verżjoni attwali Kroata tad-Direttiva tista' twassal għal inċertezza legali. Dan għaliex il-verżjoni attwali Kroata tad-Direttiva tuża terminoloġija li ma teżistix fil-leġislazzjoni Kroata dwar iċ-ċibernetika u fl-użu professjonali, u b'hekk toħloq konfużjoni u ddgħajjef iċ-ċertezza legali, il-koerenza u ċ-ċarezza.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li t-terminoloġija użata mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija legali nazzjonali diġà eżistenti biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur u tkompli tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva NIS 2.